MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 76/2014

**Bernard Deguara (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 207366M)**

***kontra***

**Registru tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Jannar 2014 li jaqra hekk :-

*Illi l-esponenti huwa l-azzjonist principali bi 99.9% tas-socjeta` bl-isem ta` 'La Lampara Caterers Limited', bin-numru ta` registrazzjoni C10056 b`ufficcju registrat 'La Lampara', Triq il-Gifen, Bugibba, San Pawl il-Bahar, Malta, u dan kif jidher mill-ahhar Statut tal-istess socjeta` li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok BD1' ;*

*Illi din is-socjeta` kellha funzjoni doppja u cioe` dik li topera ristorant u kif ukoll funzjoni ta` socjeta` ta` natura ta` 'holding' peress illi fis-sena elf disa` mija disgha u tmenin (1989) is-socjeta` surreferita akkwistat nofs indiviz ta` fond bla numru bl-isem ta` 'La Lampara', Triq il-Gifen, Bugibba, San Pawl a bazi ta` kuntratt ta` akkwist datat tnejn u ghoxrin (22) ta` Marzu tas-sena elfejn disa` mija disgha u tmenin (1989) fl-atti tan-nutar Mario Bugeja, kopja ta` liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok BD2' ;*

*Illi ghalkemm is-socjeta` waqfet l-operat tar-ristorant, is-socjeta` ghadha sal-gurnata tal-lum il-proprjetarja tal-imsemmi nofs indiviz tal-fond surreferit u dan kif jidher mill-estratt ta` ricerki ordnati mir-Registru Pubbliku fir-rigward tat-trasferiment, fidi u passiv tas-socjeta` msemmija, li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok BD3' ;*

*Illi ghal ragunijiet barra mill-kontroll tal-attur, u ghall-insaputa tieghu gara li fil-hamsa (5) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) is-socjeta` giet*

*imhassra mir-registru tal-kumpanniji ghaliex ir-registratur kien tal-opinjoni li din ma baqghetx topera, jew ossia kienet fi stat ta` 'defunct', u dan ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-KUmpanniji, b`effett mit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) hekk kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok BD4', u dan minkejja li din kienet ghadha tiddetjeni s-sehem tal-fond imsemmi ;*

*Illi in vista tas-suespost, l-attur jinsab aggravat bid-decizjoni tar-Registru tal-Kumpanniji u ghandu nteress li l-isem tal-imsemmija socjeta` jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji sabiex ikun jista` jittrasferixxi s-sehem tal-fond surreferit li jinsab f`isem is-socjeta` lil terzi ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni :-*

*1. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` La Lampara Caterers Limited (C10056) fir-registru tal-kumpanniji, sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar ; u*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jaghmel il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali nserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u dana kollu taht dawk id-direzzjoni u dawk il-provvedimenti li jistghu u jidhrulha xierqa.*

*Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` konvenuta.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti li pprezenta mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-intimat fis-27 ta` Frar 2014 li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija La Lampara Caterers Limited (C10056) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fit-2 ta` Novembru 1988.*

*Illi mir-registrazzjoni tal-compliance sabiex il-kumpannija de quo tigi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji, il-kumpannija La Lampara Caterers Limited (C10056) naqset milli tibghat kwalunkwe kont annwali jew dokumenti perjodici ohra li kumpannija registrata kienet obbligata li tipprezenta lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk, illi l-ahhar dokument li ntbaghat igib id-data tal-31 ta` Ottubru 1999.*

*Illi l-fatt li l-kumpannija in kwistjoni baqghet ma ottemperatx ruhha mal-obbligi legali taghha bhala kumpannija ghal diversi snin kienet raguni bizzejjed biex ir-Registratur tas-Socjetajiet jahseb li din il-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi in vista tas-suespost, fil-25 ta` Mejju 2002, ir-Registratur tas-Socjetajiet kiteb lill-kumpannija ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji biex javza li l-isem taghha kien ser jithassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni valida biex dan ma jsehhx. Din l-ittra giet lura bil-kumment 'closed down'. Ittri simili ntbaghtu wkoll lid-direttur fl-indirizz personali tieghu*

*(l-istess indirizz li gie kwotat fir-rikors promotur tar-rikorrent). Dina l-ittra giet lura bil-kumment 'return to sender – wrong person right address'.*

*Illi minhabba li kien skada bil-kbir it-terminu ta` xahar previst mil-ligi li fih il-kumpannija jew id-direttur taghha setghu jindikaw x`interess ghandhom li l-kumpannija tkompli, ir-Registratur tas-Socjetajiet wasal ghal konkluzjoni ragjonevoli li l-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju u lid-direttur tal-istess kumpannija ma kellu l-ebda nteress li din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni ta` avviz fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta ta` kuljum. Dan l-avviz gie mahrug fit-22 ta` Gunju 2012 u fit-terminu ta` tliet xhur previst mil-ligi la l-kumpannija u la l-uniku direttur taghha u lanqas xi terzi persuni ma nfurmaw lir-Registratur illi kellhom xi interess illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-registru. Ghalhekk ir-Registratur tas-Socjetajiet korrettament hassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru b`effett mit-22 ta` Settembru 2012.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti r-rikorrent kellu bizzejjed cans kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviz suespost, biex jinfurma lir-Registratur tas-Socjetajiet dwar xi nteress li seta` kellu sabiex din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru izda dan baqa` inadempjenti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mir-rikors promotur, mhux indikat xejn kif ir-rikorrent ser jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu bhala direttur u bhala kumpannija.*

*Illi ghar-ragunijiet suesposti, ir-Registratur tas-Socjetajiet jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kif maghmula mir-rikorrent, salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz. Minghajr pregudizzju, f`kaz li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitpogga fuq ir-registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza ghandu jigi ndikat l-iskop, il-kondizzjonijiet u t-termini mehtiega sabiex il-kumpannija u l-ufficjali taghha jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom f`terminu mprorogabbli fejn ghandu x`jaqsam l-Att dwar il-Kumpanniji, inkluz li jintbaghtu ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali, il-prospetti annwali u li jithallas dak kollu li hu dovut lir-Registratur tas-Socjetajiet skont il-ligi.*

*Illi l-esponent umilment jissolleva illi dina l-Onorabbli Qorti tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha marbutin ma` din il-kawza. Dan ghaliex ir-Registratur mexa b`mod korrett u skont kif titlob minnu l-ligi. Ta` min wiehed ifakkar illi l-isem tal-kumpannija gie debitament imhassar minn fuq ir-Registru solament bhala rizultat tan-negligenza grossolana tal-kumpannija u tal-ufficjali taghha.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tat-3 ta` Marzu 2014, tat-30 ta` Gunju 2014, tat-30 ta` Ottubru 2014 u tat-13 ta` Jannar 2015. In partikolari, fl-udjenza tal-ahhar, ikkostatat illi fil-mori tal-kawza r-rikorrent **kien irregola ruhu bis-shih fir-rigward ta` kull pendenza** li l-kumpannija La Lampara Caterers Limited kellha mal-intimat. Inoltre ikkostatat illi sodisfatti l-pendenzi kollha li kien hemm, l-intimat ma kienx qieghed jopponi illi l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2015 fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. Konsiderazzjonijiet

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tat-3 ta` Marzu 2014, ir-rikorrent wera d-disponibilita` tieghu li jassikura li kwalsiasi pendenza li l-kumpannija in kwistjoni kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata **qabel** ma` din il-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba tieghu kif dedotta fir-rikors guramentat. Ir-rikorrenti baqa` jsostni d-disponibilita` tieghu konkretament, udjenza wara l-ohra, sa ma ffinalizza l-pendenzi kollha mar-Registratur tal-Kumpanniji sal-udjenza tat-13 ta` Jannar 2015. Kien propju ghalhekk illi l-intimat ma baqax jopponi t-talba li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Dan premess, din il-Qorti trid illi, qabel tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent, taghmel l-osservazzjonijiet taghha dwar ir-ragunijiet li gab `il quddiem ir-rikorrent biex jiggustifika t-talba tieghu. Tghid mill-ewwel illi dawk ir-ragunijiet iridu jitqabblu ma` l-imgieba tar-rikorrent fil-mori tal-kawza li hadet svolta lejn il-posittiv. Huwa evidenti li l-attur qieghed jitlob li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru mhux sabiex jissokta bit-twettieq tal-*principal object* tal-kumpannija li kien *to run catering establishments providing service on the premises and take-away foods* (ara fol 5). Infatti fir-rikors promotur, ir-rikorrent jaccetta li l-operat tar-ristorant bl-isem “La Lampara” li kellha fi Triq il-Gifen, Bugibba, kien waqaf ghal kollox. L-uniku skop wara l-presentata tar-rikors kien illi l-kumpannija kienet il-propjetarja tan-nofs indiviz tal-fond mnejn kien jopera r-ristorant, u riedet tbiegh dak is-sehem ; bl-isem tal-kumpannija mhassar, ma setax ikun hemm trasferiment lil terzi interessati ta` dak in-nofs indiviz.

Ghandu jinghad illi l-Art 325 tal-Kap 386 *inter alia* jirregola l-*modus operandi* tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija ma tkunx qeghda topera. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Se mai kull nuqqas kien imputabbli lill-kumpannija, li taghha r-rikorrent kien l-uniku direttur, apparti li kien jippossjedi l-ishma kollha hlief ghal wahda (ara fol 8). Ir-rikorrent ma jista` jgib `il quddiem l-ebda skuza ghala kien inadempjenti fl-obbligi tieghu bhala direttur u ufficjal tal-kumpannija skond il-ligi. Irrizulta nfatti li l-intimat mexxa bil-procedura skond l-Art 325 tal-Kap 386 ghaliex il-kumpannija naqset milli tibghat kwalunkwe kont annwali jew dokumenti perjodici ohra li kienet obbligata tibghat lill-intimat ; l-ahhar dokument li baqghet kien fil-31 ta` Ottubru 1999. B`imgieba daqstant nonkuranti, ir-Registratur kellu raguni bizzejjed biex jahseb li l-kumpannija ma kenitx qeghda tmexxi n-negozju jew ma kenitx qeghda topera [Art 325(1)]. L-argument li gab ir-rikorrent li t-thassir tal-isem sar ghal ragunijiet barra mill-kontroll tieghu hija konkluzjoni ghal kollox gratuwita, u mhux ippruvata.

**Din il-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet sabiex il-fatti (aktar milli s-supposizzjonijiet) jitqeghdu fil-perspettiva korretta taghhom. Dan accertat hija tal-fehma li r-rikorrent jikkwalifika sabiex jaghmel it-talba. Billi l-iskop sabiex l-isem tal-kumpannija ma jibqax imhassar mhuwiex sabiex il-kumpannija terga` taqbad in-negozju izda sabiex tbiegh l-assi taghha, il-Qorti sejra takkorda t-talba ghal perijodu limitat ta` zmien ghaliex taf li wara li jinbiegh in-nofs indiviz tal-fond fuq riferit ma jkunx fadal aktar skop ghall-esistenza tal-kumpannija.**

**Din il-Qorti qeghda tinsisti mar-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru ghal zmien limitat b`ebda mod ma ghandu jfisser illi sejjer jinghata xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkun jista` jaghmel li jrid u jittraskura ghal kollox l-obbligi tieghu u tal-kumpannija skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos li tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir- Registru, il-kumpannija tkun**

**qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha jew tal-ufficjali taghha.**

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif gej :–**

**1. Tordna li l-isem La Lampara Caterers Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C10056 jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien tnax (12)-il xahar b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skond kif sejjer jinghad.**

**2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta' dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenjalu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija La Lampara Caterers Limited (C10056) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija La Lampara Caterers Limited (C10056) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija La Lampara Caterers Limited (C10056) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**5. Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------